MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2011

Appell Kriminali Numru. 180/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dr. Mario Cuschieri LL.D)**
**Vs**
**Giuseppe Lauretta**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli kif juri l-allert tas-Sistema t’informazzjoni Schengen mahrug fuq talba tal-Imhallef Dr. Gianfranco Pezone ill-Qorti ta’ Novara, wara l-hrug ta’ mandate t’arrest Ewropew mahrug fil-25 ta’ Marzu, 2011 mill-istess Magistrat, huwa imfittex mill-awtoritajiet kompetenti gudizzjarji fl-Italja, pajjiz skedat ai fin ital-artikolu 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004, bhala l-awtur tar-reat t’omicidju volontarju (liema reat huwa kondotta skedata ai termini ta’ Skeda 2 tal-A.L. 320 tas-sena 2004)

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ April, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 45(3)(a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004, ordnat li Giuseppe Lauretta, kif deskritt fl-istess mandat ta’ arrest, jinzamm taht kustodja sabiex jistenna l-estradizzjoni tieghu lejn l-Italja u dan fi zmien ghaxart ijiem.
Din l-ordni saret soggetta ghas-segwenti :-
a) kif digja nghad, l-istess persuna ma rrinunzjatx ghar-“rule of speciality” u ghalhekk din l-ordni saret sabiex hi tigi processata in konnessjoni mar-reat ta’ omicidju volontarju kif deskritt fil-mandat ta’ arrest Ewropew in ezami;
b) fl-ahhar nett, wara li rat l-artikoli 25 u 15(5) tal-istess Avviz Legali u l-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta), l-Qorti informat lill-persuna li kaz illi thoss illi d-drittijiet taghha, nkisru, qed jinkisru jew ser jinkisru, hi ghandha dritt ghal rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta w il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ April, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza/ordni appellata billi tipposponi l-ordni a tenur ta’ l-artikolu 28A(2)(a) ta’ l-Avviz Legali 320/2004 (SL 276.05) u b’hekk tirrilaxxah.

4. Fliet l-atti kollha processwali.

5. Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tal-fatt li huwa ghaddej minn proceduri hawn Malta fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) f’ismijiet The Police vs Giuseppe Lauretta u se tinstema fid-19 ta’ April, 2011. B’hekk a tenur ta’ l-artikolu 28A(2)(a) ta’ l-Avviz Legali 320/2004 (SL 276.05).

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Difensur u tal-Abbli Prosekutur.

Ikkonsidrat

8. Jirriżulta mill-atti li b'sentenza mogħtija fl-4 t'April, 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-Att tal-Estradizzjoni mill-Maġistrat Dr Joseph Apap Bologna, il-Qorti tat ordni skont l-artikolu 45(3)(a) tal-Avviż Legali 320 tas-snea 2004 sabiex Giuseppe Lauretta jinżamm taħt kustodja sabiex jistenna l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja u dan fi żmien għaxart ijiem mil-lum (4 t'April, 2011) stess.
9. Mill-istess setenza jirriżulta li Giuseppe Lauretta ta volontarjament, preżenti wkoll l-interpretu nominat u b'mod irrevokabbli, il-kunsens tiegħu sabeix jiġi mreġġa' lura lejn l-Awtorita' Gudizzjarja Involuta.

**Il-bażi tal-Appell**

10. Il-bażi ta' dan l-appell minn din l-Ordni taħt l-Avviż Legali dwar il-Mandat t'Arrest Ewropew huwa li l-estradnat qed jikkontendi li ġaladarba huwa għandu kawża fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ta' Ġurisdizzjoni Kriminali huwa jrid li l-ewwel tinħeles din il-kawża u imbagħad issir l-estradizzjoni tiegħu.

11. Huwa jirreferi għar-regomanet 28A(2)(A) li jipprovdi hekk

28. (1) Dan l-artikolu japplika jekk f'xi waqt matul is-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li l-persuna li dwarha jkun
inħareġ l-mandat taħt it-Taqsima II tkun ġiet akkużata b'reat
f'Malta bażat fuq l-istess att li fuqu jkun ibbażat il-mandat ta]t it-
Taqsima II.

(2) Il-qorti tista' taġġorna s-smigħ dwar l-estradizzjoni sakemm tiġri xi waħda minn dawn li ġejjin:
(a) l-akkuża tkun ġiet eżawrita;
(b) l-akkuża tiġi rtirata;

(ċ) il-proċedimenti dwar l-akkuża ma jitkomplewx;
(d) il-proċedimenti jitħallew sine die.

12. Minn dan jirriżulta li biex ikun applikat dan l-artikolu jinħtieġ li l-ewwelnett l-akkużi f'Malta u fil-pajjiż esteru jkunu identiċi (fuq l-istess att). It-tieni tkun fid-deskrizzjoni tal-Qorti sabiex taġġorna s-smigħ dwar l-estradizzjoni.

13. Mis-sottomissjonijiet magħmula mid-difiża jirriżulta li l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali m'għandu xejn x'jaqsam ma' dak odjern għax il-każ li qed issir referenza għalih huwa dwar allegazzjoni ta' użu ħażin tat-telefon. It–tieni, anqas li kieku kien l-istess każ, xorta huwa fid-deskrizzjoni tal-Qorti x'tagħmel minħabba li l-kelma użata fil-Liġi hija 'tista'' u mhux 'għandha'. Hija l-Qorti li għandha tiddeċiedi x'għandha tagħmel u mhux l-estradit li m'għandu ebda dritt jiddeċiedi hu xi jsir jew ma jsirx.

14. Għalhekk il-Qorti m'hi qed tara ebda bażi għal dan ir-rikors fuq l-artikolu msemmi mill-abbli difensur. Konsegwentement qed tiċħad l-aggravju.

Is-Sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni

15. Il-Qorti qegħda wkoll teżamina s-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni li dan l-appell qatt ma seta' jsir.

16. Bħalma diġa' ntqal aktar 'il fuq l-estradit ta l-kunsens tiegħu b'mod irrevokabbli. Issa r-regolament 44(2) tal-Avviż Legali 320 tas-ena 2004 jagħmel applikabbli l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 dwar l-Estradizzjoni.

17. Ir-regolament 44 tal-Avviż Legali japplika meta ssir ordni biex persuna tintbagħat lura wara li jkunu ngħata l-kunsens. Min-naħa l-oħra l-artikolu 15(5) tal-Kap 276 jipprovdi li jekk il-Qorti hija soddisfatta li persuna volontarjament aċċettat li tkun estradita, il-Qorti għandha tpoġġiha taħt kustodja sakemm tkun irritornata lura.

18. Fl-aħħar sentenza tal-paragrafu l-artikolu jipprovdi wkoll li ma jkun hemm ebda appell taħt dan is-subinċiż (5)

tal-artikolu 15 minn ordni tal-Qorti li bih tkun poġġiet persuna taħt kustodja (wara li din tkun tat il-kunsens tagħha għal tali estradizzjoni.

19. Minn dan isegwi li dan l-appell lanqas seta’ biss isir.

20. Għar-żewġ raġunijiet mogħtija fil-paragrafi preċedenti, l-Qorti mhix tilqa’ dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------